MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 968/2001/1

**Chemimart Limited**

**vs**

**Tatiana Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fis-27 ta' Novembru, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas penali li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, liema penali hija dovuta ai termini tal-klawsola (vi) tal-kuntratt ta' impjieg bejn il-kontendenti datat 30 ta' Jannar 1995 liema penali hija dovuta stante li l-konvenuta kisret l-obbligi taghha naxxenti mill-artikolu (vi) ta' l-imsemmi kuntratt.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat li l-penali dovuta ma teccedix Lm5,000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament, il-karenza ta' interess guridiku tas-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta' attrici ma kienetx parti ghall-kuntratt ta' impjieg datat 30 ta' Jannar 1995.

2. Illi bla pregudizzju u indipendentement mill-premess, l-azzjoni attrici hija fi kwalsiasi kaz nulla stante li hija bazata fuq klawsola kontrattwali vizzjata minn *causa* illecita'.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, sussidjarjament u fil-meritu, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ebda ammont dovut mill-eccipjenti lis-socjeta' attrici.

4. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu tas-socjeta' attrici.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fit-30 ta' Jannar, 1995 il-konvenuta ffirmat ftehim ma' Chemimart Group illi taghha s-socjeta' attrici hija *holding company* sabiex tkun tista ssiefer fuq *course* u tintrabat li taghti s-servizzi taghha lil din il-kumpanija ghal zmien stipulat fl-istess ftehim.

Is-socjeta' attrici qieghdha tibbaza l-azzjoni taghha specifikament fuq l-artikolu 6 ta' dan il-kuntratt. A skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel pjena referenza ghal din il-klawsola a fol 17 tal-process.

Wara li l-konvenuta giet mill-esteru, ghamlet xi snin fis-servizz tas-socjeta' attrici, izda qabel ma ghalqu l-hames snin, telqet mill-impjieg u mpjegat ruhha ma' *S T Electronics*, kumpanija li mhijiex fil-generu tan-negozju tas-socjeta' attrici. Wara dan, impjegat ruhha ma' *Franks Perfumery* u aktar tard ma' *Go Go Limited*. Dawn l-ahhar tnejn huma in kompetizzjoni mas-socjeta' attrici, ghalhekk din l-ahhar socjeta' qieghdha tfittex lill-konvenuta ghal penali ta' elfejn u hames mitt lira (Lm2500) dovuti skond it-termini ta' dan l-artikolu. Il-konvenuta qieghdha tikkontesta l-validita' tal-klawsola msemmija peress illi hija *in restraint of trade* fejn allura ggib in-nullita' taghha.

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenuta, fejn gew ikkwotati zewg sentenzi fejn stabbilew il-principju li ghal dak li jirrigwarda kwistjonijiet ta' *restraint of trade* jistghu jigu kontestati *per via di eccezione* u mhux kif normalment isir b'kawza *ad hoc* fejn ftehim jew partijiet minnu jistghu jigu attakkati ghal xi vizzju jew iehor. Il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza kkwotata mill-konvenuta u taqbel li ghandha tissindika l-klawsola numru 6 biex tara jekk din hijiex *in restraint of trade* fil-kuntest tal-gurisprudenza kkwotata u hijiex ragonevoli fl-istess termini.

Ikkunsidrat:

Illi l-kuntratt imsemmi tat-30 ta' Jannar 1995 jorbot lill-konvenuta sabiex tibqa' taghti s-servizzi taghha lis-socjeta' attrici sa hames snin wara illi tigi mill-esteru. L-artikolu 6 pero' jestendi dan it-terminu ghal hames snin ohra fil-kaz illi l-konvenuta timpjega ruhha ma' xi kompetitur tas-socjeta' attrici. Effettivament, dan ifisser illi ghal dan il-*course* illi s-socjeta' attrici baghtet fl-esteru, l-konvenuta kellha tintrabat ghal perjodu ta' ghaxar snin illi jew tibqa' maghha jew inkella jekk timpjega ruhha ma kellhiex taghmel xoghol f'generu illi jikkompeti ma' dak tas-socjeta' attrici.

Il-Qorti jidhrilha illi dan it-tieni terminu ta' hames snin mhuwiex ragonevoli. Tista' tifhem illi sakemm il-konvenuta tkun impjegata mas-socjeta' attrici, dina ma taghmilx

xoghol li huwa in kompetizzjoni ma’ dak tas-socjeta’ attrici, pero’ illi tkompli testendi din ir-restrizzjoni ghal hames snin wara t-terminazzjoni ta’ l-impjieg, il-Qorti ssib din il-klawsola palizament irraggonevoli fil-kuntest ta’ l-insenjament tal-gurisprudenza kkwotata fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuta. Dana, apparti l-fatt li ma jidhirx illi s-socjeta’ attrici ottjeniet l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni fil-kuntest ta’ l-artikolu 38 tal-Kap 135. Ghalhekk din il-Qorti m’ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tiddikjara t-termini tal-klawsola numru 6 bhala rragonevoli u quindi vizzjata minn kawza illecita’. Dana jgib in-nullament ta’ l-istess klawsola u ghallhekk il-Qorti tiddikjaraha bhala nulla u minghajr effett. Mhux il-kaz li l-Qorti tidhol fil-bqija tal-klawsoli tal-kuntratt imsemmi peress illi s-socjeta’ attrici qieghdha torbot il-kawza taghha specifikament fuq l-artikolu 6 tal-kuntratt, li issa gie dikjarat null. Dana jaghmel l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta purament akkademiku u mhux il-kaz illi l-Qorti tidhol fiha.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta’ attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------